MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Talba Numru. 679/2005

**Vincent Cuschieri Limited (C-4162)**

**Vs**

**Giancarlo Gauci esercitanti l-kummerc ghan-nom ta' Silver Jubilee Bar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija w erba' liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm304.32c) rapprezentanti prezz bilancjali ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, fuq struzzjonijiet tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija w erba' liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm304.32c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------